10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 26**

**1 ta' Settembru 2025**

Il-laqgħa numru 26 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar l-1 ta' Settembru 2025 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Karl Carabott

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3**):

Is-Sur Darren Grech

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa kien hemm 2 ittri ta' apoloġiji waħda tas-Sur Darren Grech u oħra ta' Sa Roberta Sultana.

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

F'din il-laqgħa ġew approvati l-minuti tal-laqgħa 24 u 25 mingħajr korrezzjonijiet:

Kunsiderazzjoni tal-Minuti.

Is-Sindku qal li l-Arblu kien għadu ma twaħħalx imma qegħdin fid-diskussjonijiet mal-kuntrattur. L-istess ħaġa fuq il-bollards ta' ħdejn il-klabb tal-futboll. Is-Sindu qal ukoll li Infrastructure Malta kienu ser jibgħatu update il-kunsill fuq it-toroq li jridu jsiru u anke fuq Strada Rjali. Dan wara li Sindku u L-ES iltaqgħu ma' rappreżentant ta' TM.

Is-Sindku spjega li L-ES kellha meeting ma Vibe FM fuq il-Halloween u dawn saqsew għad-dati tal-attivita' tal-Milied. Huma kienu ser joganizzaw *A Christmas Special* u xtaqu li l-attivita tagħna tkun parti minn dan. Għalhekk saqsew hekk il-kunsill jikkunsidra jaqleb id-dati. Fuq dan kien hemm qbil.

Is-Sindku spjega li hu u segretarju kellhom laqgħa fuq l-IBINS. Kif kien miftiehem qabel ġie issuġġeriet li jsiru naħa tal-MITA imma Greenpak qed jgħidu li l-vettura biex tbattal dawn l-iskips ma jgħaddix. Stephen saqsa kif idur l-iskemil u Sindku wieġeb li meta jkun hemm il-vetturi ipparkjati ħażin ma jidħolx u l-kollettur ikollu joħroġ kollox b'idejh fil-kantuniera.

Joe saqsa hekk dawn l-ibins jistgħux jiġu eliminati kompletament? Gianluca qal li hu saqsa din id-domanda imma l-Greenpak semmew li dawn jaqgħu taħt il-liġi tal-ERA. Karl qal li hawn

kunsilli li m'għandomx bħal-Attard u Marsaxlokk. Is-Sindku qal li kien ser isaqsi fuqha mal-ERA. Wara laqgħa numru 24 kellu suġġeriment mingħand Vendriż li dawn isisru Triq Braille fil-fetħa. Il-Kunsill qabel li mhux idea tajba minħabba li jintilef ħafna parking f'area diġà kritika.

**3. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 437 u petty Cash**

Is-Segretarja preżentat din l-iskeda kif ukoll il-pettycash għax-xahar li għadda. Joe saqsa fuq il-pagamenti numru:

- 1748 Minn kien u ala dan il-pagament. Is-SE qalet li dan kien il-ħaddiem il-ġdid tal-RSSL u dan kien il-ħlas dovut lilu għal ħinijiet extra li ħadem fi żmien il-festa.
- 1744 Il-Business cards kienu għal kunsilliera ukoll? Is-SE qalet li dawn kien ġew kreati għal uffiċju hekk xi ħadd irid kemm jinforma lila
- 1754 Joe saqsa hekk dawn jistgħux jerġgħu jiġu użati u is-Sindku wieġeb li iva
- 1758 Joe saqsa dawn x'kienu u sindku wieġeb li dawk huma sponsored adverts diversi
- 1782 Ala l-KFE kellhom aktar tokens dovuti lilhom milli l-għaqdiet l-oħra? Is-Sindku spjega li l-kunsill ħareġ it-tokens u l-ħaddiema kienu liberi li jagħżlu x'jieklu u fejn jużawhom.

Silvio propona din l-iskeda imma ħadd mill-kunsilliera preżenti ma issekonda. Għalhekk is-SE saqsiet hekk kienx hemm problema bil-pagamenti u ħadd ma oġġezzjona għal ebda pagament. Is-SE qalet li peress li din is-sitwazzjoni kienet ila għaddejja għal din l-aħħar sena hi kienet ser tistaqsi lil kull kunsillier preżenti wieħed wieħed għal statement fuq ala l-iskedi tal-pagamenti mhux qed jiġu iffirmati.

Karl qal li alih li japprova l-pagamenti u vot ta' fiduċja u li hu m'għandux f'ċertu affarijiet minħabba li ġieli jkun hemm pagamenti li ma naqbilx għax ma jkunux diskussi fil-laqgħat. Is-SE saqisiet hekk Karl kiens jaf li jista' joġġezzjoni fuq pagamenti partikolari? U hu wieġeb iva.

Silvio kien wieħed minn dawk li dejjem jiffirma l-pagamenti allura ma kienx hemm għalfejn statement.

Is-Segretarja saqsiet lil Joe għal-istatement tiegħu u hu wieġeb li hu kien jaqbel mal-minority leader Karl. Is-SE saqsiet il-Joe hekk kienx jaf li jista' jwaqqaf pagament wieħed jew aktar minflok li jirrifjuta li jiffirma. Hu wieġeb iva. Hawnhekk is-SE saqsiet il-Stephen għal-istatement tiegħu u dan qal li l-SE ma setgħatx tobbliga l-kunsilliera biex jiffirmaw. L-SE wieġbet li hi ma kienet qed tobbliga lil ħadd imma kienet qed tistaqsi r-raġuni ala din l-aħħar sena kien hemm minn qed jiddeċiedi li ma jiffirmax.

Stephen wieġeb li fil-bidu tal-leġislatura kienu saru l-pagamenti lil-LESA li meta hu kien sindku kien waqqaf u għalhekk ma kienx iħossu li għandu jiffirma l-iskeda tal-pagamenti. Is-SE infurmat li f'din l-iskeda ma kienx hemm pagamenti lil-LESA imma Stephen qal li ma kienx jimpurtah. Is-SE qalet ukoll li l-pagamenti lil-LESA kienu saru b'deċiżjoni tal-kunsill kollu. Stephen wieġeb sabiex l-SE tara minn qabel mal-pagamenti u tgħid lilhom jiffirmaw.

**4. Komunikazzjoni mis-Sindku**

a) **Tournament tal-boċċi** – Is-Sindku informa li Roberta kienet qed taħdem fuq tournament tal-boċċi li data tiegħu kienet qed tiġi proposta għal 15 ta' Settembru. Il-Klabb seta' joffri dan it-tournament li jinkludi: xi spejjeż, drink lir-referee kul lobgħa, dawl, barman, trophies, party tal-aħħar. Dan kien ser jiġi għal Euro 800/900. IS- Sindku qal li hu jaqbel ma dan ta' fuq minbarra t-trophies. Naħdmu bħas-sena l-oħra fejn tajnihom Euro 500 għal ispejjeż u affarijiet oħra u naqblu ukoll li jitħallas id-drink tar-referee. Fuq dan kien hemm qbil. Is-sindku qal li għanda naraw ukoll id-data għax hi wisq viċin.

b) **Kawża fuq attivita tal-Milied. –** Is-Sindku talab lis-Segretarju jispjega. Din qalet li l-avukat kien qed jaħdem fuq il-kawża fil-qorti meta kienet saret attività f'Casa Leoni u mhux fil-Ġnien Romeo Romano. Għaldaqstant l-avukat kien qed jitlob affidavit mill-kunsilliera li kienu preżenti dak iż-żmien sabiex jiġi klarifikat il-post fejn saret l-attivita. Silvio għawnhekk issuġġerixxa li flok affidavit jinħarġu l-minuti bħala prova. L-SE qalet li ser tkellem lil-avukat u tipprovdi l-minuti.

c) **Talba mill-cat feeders –** is-Sindku informa li kellu żewġt talbiet mill-cat feeders f'Santa Venera. Waħda mit-talbiet kienet li jkollhom stall fl-attivita' tal-Halloween bħala fund raising għal qtates. Fuq dan kien hemm qbil. It-Tieni talba kienet għal freezer sabiex din tinżamm minn waħda mill-feeders, u b'hekk il-feeders ikollhom ċans jixtru ikel bil-bulk u dan jgħin ħafna sabiex aktar qtates jistgħu jiġu mitmugħa. Il-Kunsill jaqbel ma din il-freezer imma kieku mhux ser titpoġġa għand persuna partikolari. Dan għaliex il-kunsill ma jkollux kontroll fuq dan l-oġġett minħabba li se tkun għand nies privati.

d) **Kalendarju –** Is-Sindku stieden il-Joe sabiex jispjega aħjar dan l-item. Joe qal li sena l-oħra kien sar il-kalendarju fuq binjiet storiċi. Hu din is-sena kien qed jaħseb sabiex il-kalendarju jerġa' jsir fuq faċċati antiki ta ' djar. Fuq dan kien hemm qbil sakemm ikun hemm approvazzjoni mis-sidien tad-djar użati.

Is- Sindku żied li fuq il-kalendarju l-kunsill idaħħal items ta' importanza bħal ġbir tal-iskart, u servizzi oħra bħal van.

e) **Talba minn Santa Venera Girl Guides –** Is-Sindku qal li l-kunsill kien irċieva talba minn Santa Venera GirlGuides għal bandiera tal-lokal li tista' tkun użata waqt il-parati. Fuq dan kien hemm qbil.

f) **Clean up –** Is-Sindku qal li l-clean up kienet ser issir nhar is-27 ta' Settembru 2025 fi Triq il-Ħarrub. Karl qal li il-budget għal din is-sena kien inqabeż b madwar 190Euros. Fuq dan kien hemm qbil

g) **Halloween** - Is-Sindku qal li fl-attivita tal-Halloween ser jerġa jsir fuq l-istess format tas-sena l-oħra bi ftit tibdil bħal titkabbar l-area tal-foodcourt u jiżdiedu l-entitajiet.

h) **Cannabis –** Is-Sindku informa li l-kunsill kien irċieva email mingħand id-dipartiment tal-Gvern Lokali fuq twaħħil ta' tabelli minħabba l-użu tal-Cannabis. Fuq dan kien hemm qbilli jsiru fl-ispazji pubbliċi

i) **Rota –** Is-Sindku informa li TM ħarġet skema għal bicylce racks u repair racks. Il-Kunsill qabel li jisriu repari racks Triq l-isportivi u ħdejn il-Lidl u bicycle racks Triq l-isportivi u ħdejn bandli u skejjel

j) **Sejħa Assistent tal-loġistika –** is-Sindku talab lil Karl sabiex jitkellem fuq din is-sejħa. Karl qal li għal din is-sejħa kien hemm biss 2 applikanti li ntbgħatu mill-jobs plus. Wieħed minn dawn il-kandidati kien instab eliġibbli għal din is-sejħa. Silvio saqsa hekk dan l-impjegat hux ser jgħamel l-istess xogħol tal-contracts manager u Sidnku wieġeb li kien hemm ħafna affarijiet oħra.

**5. Ħaddiem tal-Id**

Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa l-kunsill kien iddeċida li jibgħat lid-DLG sabiex jintgħażel board indipendenti. Id-DLG kien bagħat email li ma setgħax jidħol f'din id-deċiżjoni u għalhekk il-kunsill kellu jieħu deċiżjoni hu. Hawnhekk Silvio saqsa lis-SE sabiex taqra l-minuti ta' qabel fuq din il-biċċa. Is-SE qrat il-minuti u s-sindku qal li hu kien jemmen li l-impjegat kellu jirritorna lura għax-xogħol u jieħu ordnijiet biss mingħand is-segretarja, sakemm jiskadi l-kuntratt fi 17 ta' Settembru 2025. Stephen saqsa hekk il-kuntratt kienx ser jiġġedded b'6 xhur oħra imma Sindku qal li trid issir sejħa. Is-SE spjegat li legalment bil-paga l-ġdida l-kunsill mhuwiex kopert u għalhekk għanda ssir sejħa. Stephen qal li qabel meta kien sindku hu, l-pagament kien għadu fil-parametru tal-liġi, issa biż-żieda kienet ħaġa differenti. Għalhekk il-kunsill qabel li toħroġ is-sejħa.

Hawnhekk il-laqgħa tal-kunsill ġiet sospiża sakemm jitkellem il-ħaddiem.

Il-laqgħa reġgħet bdiet u ġie deċiż li l-ħaddiem tal-id jerġa' jibda xogħol u jirrapporta direttament lis-segretarju eżekuttiv biss, għandu jgħamel xogħol li tgħidlu hi biss u ħadd iktar sa kemm jgħalaq il-kuntratt. Wara li jagħalaq il-kuntratt dan ser jiġġedded ġimgħatejn b'ġimgħatejn sakemm jiġi appuntat ħaddiem tal-id.

## 6. Bus Shelter

Is-Sindku preżenta karta mill-avukat tal-kuntrattur li kienet qed titlob il-ħlas kollu dovut mill-kunisll. Din l-ittra kienet diġà mibgħuta lil-kunsill permezz tal-email. Il-kuntrattur kien qed jirriserva dritt li jipproċedi skond id-drittijiet tiegħu. Għaldaqstant is-SE kienet talbet parir lill-avukat li kien qed jiġri moqri. L-avukat kien qal li:

Kif ġie spjegat, is-sitwazzjoni żviluppat kif kont antiċipajt ftit ġimgħat ilu. Jekk jogħġbok innota li f'dan l-istadju l-Kunsill ma jistax iwieġeb li l-ammont mhuwiex dovut, peress li tali tweġiba tkun riferuta lill-Qorti fi kwalunkwe proċedura fil-Qorti.

Barra minn hekk, jekk jogħġbok innota li fil-ittra, il-parti rikjedenti nnotifikat lill-perit sabiex dan jikkonferma l-kont tal-ispejjeż. Għaldaqstant, dan żgur li joħloq sitwazzjoni fejn, jekk il-perit jaqbel mal-ammont jew ma' kwalunkwe ammont ieħor, dak l-ammont isir dovut.

Il-Kunsill għandu erba' għażliet:

1. Ma jwieġebx għall-ittra u għalhekk jinjoraw it-talba.
2. Jwieġeb billi jgħid li l-Kunsill qiegħed jistenna mir-perit, u b'hekk jitfgħu r-responsabbiltà fuq il-perit.
3. Iħallas l-ammont li dejjem kien dovut skont it-tender iżda mhux l-ammont sħiħ li qed jintalab.
4. Jwieġeb billi jgħid li xejn mhuwiex dovut.

L-ewwel u r-raba' għażla twassal lill-parti rikjedenti biex tressaq ordni ta' garnishee u żgur ukoll biex jittieħdu proċeduri quddiem il-Qorti.

F'fehma umli tiegħi, it-tielet għażla hi l-aktar waħda adattata għall-Kunsill, u kull proċedura quddiem il-Qorti tkun biss fuq l-ammont mitlub taħt l-ispejjeż ta' ġustifikazzjoni.

Karl stqar li la l-perit kien iddikjara fir-rapport tiegħu li ma kienx ser jiċċertifika l-bus shelter minħabba lista ta' raġunijiet speċifiċi, hu ma kienx iħoss li għandu jaqbel li dan il-bus shelter jiġi mħallas. Hu qal ukoll li kien qed jitkellem f'isem Roberta u Joe ukoll. Stephen qal li hu kien għamel il-punt tiegħu f'laqgħat qabel, u li kien hemm kwistjoni biss fuq id-disinn. Il-

Kunsill għalhekk iddeċieda li jieħu l-konferma tal-perit fuq x'inhi l-pożizzjoni tiegħu. Hekk tinbidel il-pożizzjoni tal-perit ser tissejjaħ laqgħa b'urġenza.

Hawnhekk Stephen Sultana talab li jiġi skużat mil-laqgħa.

**7. Bord tat-Tenders**

Is-Sindku informa li kien hemm 4 tenders li hemm bżonn jiġu aġġudikati. Għalhekk hu qed jissuġġerixxi lil dawn in-nies bħala evalwaturi:

Tender għas-servizz tal-Handyman

- Duncan Hall
- Fredrick Zammit
- Silvio Vella

Tender għas-servizz ta' Perit

- Duncan Hall
- Roberta Sultana
- Stephen Sultana

Tender għal bini tal-latrini pubbliċi Romeo Romano

- Silvio Vella
- Elaine Caruana
- Joe Vella
- Duncan Hall

Tender għat-traffic signs

- Ian Magro
- Duncan Hall
- Gian Romario

**8 Transport Malta**

Is-Sindku informa li kien hemm talba mill-FSWS għal un/loading bay quddiem l-uffiċini l-ġodda f'Canon Road. Fuq dan kien hemm qbil.

Is-sindku informa ukoll li fi Triq il-Kanun ukoll kien hemm alighting/Boarding li ma kienetx qed tintuża għal dan l-iskop imma bħala parkeġġ. Għalhekk hu kien qed jissuġġerixxi li din tiġi parkeġġi normali. Fuq dan kien hemm qbil.

**9. Waste Collection**

Is-Sindku informa lil kunsill li rċieva komunikazzjoni mingħand ir-Reġjun Nofsinhar sabiex jaraw l-opinjoni tal-kunsill minħabba l-ġbir taż-żibel. Il-kunsill qabel li meta kien isir filgħaxija dan kien aħjar għal-lokalita. Karl qal li ma tistax tqabbel, għax żdiedu l-barranin li jaħdmu ħinijiet twal. L-anzjani fix-xitwa kienu jinġabru kmieni u hekk il-ġbir se jsir fil-ħemda tal-lejl kien ser ikun hemm ħafna aktar storbju. Karl issuġġerixxa ukoll li jkun hemm aktar compartment fit-truck biex b'hekk ikun jista' jsir iktar ġbir minn borża waħda. Għalhekk ġie maqbul li l-aħjar ħin ikun dak ta' 20.00.

**10. Uffiċjal għal Ħarsien tal-annimali**

Is-Sindku informa li il-Kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand ir-Reġjun Nofsinhar fuq Ackerley Pace li xogħolu hu propju l-ħarsien tal-annimali. Ir-Reġjun Nofsinhar kien qed jissuġġerixxi ukoll li kull kunsill jagħmel budget fejn dan ikun jista' jintuża għal mediċina u affarijiet simili għal annimali. Dan kien naqra diffiċli meta l-budget tal-kunsill hu li hu. Apparti minn hekk il-kunsill kien għamel budget minħabba l-cat houses.

**11. Ilmenti**

a) **Tabella tad-disabled Triq Il-Brunżar** – Din it-tabella saret min TM u qed isiru l-arranġamenti minn TM sabiex din tranġata
b) **Double yello line Misraħ il-Barrieri c/w Triq Reġjonali -** biex issir mal-lista tax-xogħol

**c) Skart mormi ħażin Triq Abela –** ġie rappurtat

**d) Mera Triq Kardinal Sciberras ma Triq Brighella –** ok

**12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiena għal ħabta ta' 19.45. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar is-6 ta' Ottubru fil-17.00 fil-binja tal-kunsill.

______________________ ________________________

Sindku

Gianluca Falzon

Segretarju Ezekuttiv

Tiffany Abela